MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 200/2008

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), gewwa l-Qorti tax-Sharia, Irbid, Gordan, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkata bhala Dok. A;

2. Illi z-zwieg tal-partijiet huwa null billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psiklogika serja li ghamlitha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-istess zwieg huwa null billi l-kunsens tal-partijiet nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi ghalhekk iz-zwieg tal-partijiet huwa null u minghajr ebda effett a tenur ta' l-artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-attrici taf b' dawn il-fatti personalment;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi z-zwieg li gie kkuntrattat bejn il-partijiet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), huwa null u minghajr effett a tenur ta' l-artikolu 199(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenuta fl-24 ta’ Mejju 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-24 ta’ Mejju 2005 fil-Gordan, meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 19-il sena, u l-konvenut, cittadin gordaniz, kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin sitt [6] xhur. Il-partijiet qatt ma kkonvivew flimkien wara z-zwieg, u wara sitt xhur l-attrici riedet tittermina r-relazzjoni minn mal-konvenut. Illum l-attrici ghandha relazzjoni stabbli ma’ persuna maltija li minnu ghandha tifla ta’ tlett snin.

Illi jirrizulta mhux kontraddett li meta l-attrici saret taf lill-konvenut hija bdiet relazzjoni mieghu u kienet infattwata bih; tant li kien dejjaqha l-fatt li sabiex il-konvenut, allura n-namrat taghha, seta’ jibqa’ Malta, huwa kellu jimur pajjizu regolarment, u ghalhekk, sabiex isolvu l-problema tal-viza, huma kienu iddecidew li jitilghu l-Gordan u jizzewgu hemmhekk, anke peress li l-attrici ma riditx tghid lill-genituri taghha li hija kienet izzewget. Meta zzewgu l-attrici nizlet Malta, izda l-konvenut baqa’ hemmhekk ghal sitt xhur minhabba mpenji ta’ xoghol.

Wara sitt xhur il-konvenut nizel Malta, u mar ifittex lill-attrici li kienet baqghet toqghod ghand il-genituri taghha, izda sa dak iz-zmien hija kienet indunat bl-izball li kienet ghamlet u rrifjutat li tmur tghix mal-konvenut, allura zewgha. B’ hekk intemmet ir-relazzjoni ta’ bejniethom.

Illi l-attrici tispjega li hi ma kinitx riedet tikkonvivi mal-konvenut peress li ma riditx tghid lill-genituri taghha li kienet izzewget, u l-iskop taghha kien li tibqa’ tghix mal-genituri taghha u tohrog mal-konvenut. Tghid li l-att taz-zwieg kien isir bil-prekawzzjoni da parti taghha sabiex ma jkollhiex tfal fiz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-premess il-Qorti tirravviza l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront ta' l-attrici. Il-komportament taghha u l-atitudini taghha lejn iz-zwieg, jimmanifesta difett serju da parti taghha ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali li fil-gurisprudenza nostrana jinsabu defeniti bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics *[Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000]*. Inerenti f' dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom the "community of life and love."

Illi fil-kaz in dizamina l-attrici, sforz l-immaturita' taghha, ma gharfitx dawn l-obbligi taghha.

Dan premess u kkunsidrat, it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Mejju 2005. L-ispejjez jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------